# Il-Ħuttafa

Numru **135**

Lulju – Awwissu 2016



Sultan iċ-Ċawl

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

**Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf






Victor Falzon

**Bużbież il-Baħar**
Fjura sajfija

# Ħbieb Ħuttaf

Immaġinaw jiġu d-dar tagħkom koċċ nies li ma tafuhomx, jibdew jiġru mad-dar kollha, jixxalaw u jgħajtu u jħammġu. Imbagħad jagħmlu festin u filgħaxija jitilqu u jħallu mandra sħiħa warajhom.

Tieħdu gost? Ħmm, ma naħsibx, speċjalment jekk l-għada jerġgħu jitfaċċaw!

Lill-annimali li jgħixu fil-bajjiet tagħna hekk nagħmlulhom kull meta jasal is-sajf. Filli jkunu qed igawdu d-dinja tagħhom fil-kwiet, u filli tasal invażjoni ta' nies iċafċfu, jaqbżu u jgħajtu. Iġibu magħhom ikel u xorb u *creams* imqartsin f'boroż u fliexken. Ħafna minn dan l-ippakkjar jispiċċa fil-baħar.

Flimkien ma' dil-massa nies titfaċċa wkoll flotta sħiħa ta' laneċ, jottijiet, *speedboats*, *cabin cruisers*, *jet skis*, *powerboats*, eċċ., ilkoll bl-istorbju tal-magni u l-muturi, bl-iskrejjen jagħqdu u għaddejjin sparati f'wiċċ l-ilma. Dawn l-inġenji kollha jerħu fil-baħar żjut u fjuwil, u xi sidien maħmuġin anke jarmu fil-baħar l-iskart li jkollhom fuq il-lanċa.

Mhux sew hux! Mela dejjem ftakru li l-baħar huwa d-dar ta' ħafna annimali u pjanti. Nużawh b'rispett lejn ir-residenti tiegħu. Ħudu gost.

*Victor*

**Victor Falzon** L-Editur

Victor Falzon




L-Editur qed jiġġennen! Skont dal-ktieb **sultan iċ-ċawl** huwa għasfur.

Eżatt! U bl-Ingliż jgħidulu **jay**.

Bil-mod, guys! Xi annimali u pjanti għandhom l-istess isem. Sultan iċ-ċawl huwa kemm għasfur kif ukoll ħuta.





Ritratt ta' Desirée Falzon

**Sultan iċ-Ċawl** (cardinal fish *Apogon imberbis*)
Ħuta żgħira, sabiħa, komuni u li spiss issibha f'ilma baxx madwar xtutna. Ma tantx iħobb id-dawl, għalhekk x'aktarx li ssibu f'xi rokna taħt blata, fejn ukoll irabbi liż-żgħar tiegħu.

FUQ QUDDIEM

# Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Widien Nixfin | 4-5 |
| Rokna Kwiżż | 6 |
| Logħob | 6 |
| Jgħumu magħna | 7 |
| Sajd eċċessiv | 8 |
| Il-pipistrell | 9 |
| Il-Baħar tad-Dwejra | 10-11 |
| Wied Inċita | 12 |


# Kittieba

Sean Bonello, Elisabeth Conrad, Desirée Falzon, Victor Falzon

# Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**.

# Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052

© BirdLife Malta, Awwissu 2016
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Biex ikollhom fejn jistadu fil-kwiet.










Din il-mappa turi tmien irqajja' kbar ta' baħar madwar il-Gżejjer Maltin. Dawn il-wesgħat il-BirdLife sabet li huma l-iktar importanti għat-tajr tal-baħar għax fihom l-iktar li jmorru jistadu għall-ikel. Dan sirna nafuh wara snin ta' studju fi proġett speċjali li jismu LIFE Malta Seabird Project.

Bis-saħħa ta' dan l-istudju l-Gvern Malti issa ddikjara dawn l-irqajja' baħar protetti bħala **Siti fil-Baħar Importanti għall-Għasafar**. B'hekk f'dawn l-inħawi ikun hemm iktar kontrolli fuq affarijiet bħal sajd u attività oħra.

Bejniethom dawn l-irqajja' baħar fihom medda ta' **3220km²**. Dan huwa iktar minn kwart tal-[1]baħar territorjali ta' pajjiżna.

[1]**baħar territorjali.** Il-medda baħar madwar pajjiż li fiha dak il-pajjiż biss għandu dritt ibaħħar, jistad, eċċ.

# Reġgħet bejtet!

Il-**fekruna tal-baħar** (loggerhead turtle) reġgħet biedet f'pajjiżna. Din aħbar vera speċjali għalina li nħobbu n-natura għax mhix ħaġa tas-soltu.

Sa mitt sena ilu l-fekruna tal-baħar kienet tbid regolari fuq ir-ramliet Maltin u Għawdxin. Imma ftit ftit naqset, probabbli għax is-sajjieda kienu jaqbdu wisq minnhom għall-brodu dak iż-żmien il-fkieren ma kinux imħarsin bil-liġi. Illum huma protetti, imma issa għandhom problema oħra: il-fkieren iħobbu ramliet kwieti u mudlama, u kif tafu r-ramliet tagħna fis-sajf ikunu miżgħudin bin-nies, bid-dwal u bl-istorbju.

Għalhekk kienet ħaġa tal-għaġeb meta fil-lejl ta' 1-2 Awwissu telgħet fekruna fir-[1]Ramla tal-Mixquqa, ħaffret fir-ramel, biedet partita bajd, għattiethom u reġgħet niżlet fil-baħar. Xi nies li kienu hemm skantaw bl-ispettaklu imma b'xorti tajba ħadd ma fixkilha.

L-għada filgħodu r-roqgħa fejn hemm il-bejta ddawret malajr bil-gradilji ħalli ħadd ma jirfes.
Xi voluntiera issa qed joqogħdu għassa mal-post lejl u nhar.

Il-bajd idum xi xahrejn biex ifaqqas. Għalhekk issa nistennew...







**Isem xjentifiku**
*Caretta caretta*




[1]**Ir-Ramla tal-Mixquqa.** Din il-bajja hija magħrufa ma' ħafna bħala Golden Bay.



Aron Tanti

Jekk tara għasfur jaqbeż qalb il-blat mikxuf tal-wied, ara f'denbu taralux disinn ta' T sewda fuq l-abjad. Jekk iva mela sibt **kuda**, għasfur tal-passa.

Charles Gauci



Il-**kaħlani tal-widien** huwa ġurat żgħir u l-kulur tiegħu ivarja minn kannella sa ħadrani. Jibqa' attiv anke fix-xitwa, ħlief fl-iktar ġranet kesħin.






John J Borg

Il-friefet il-lejl binhar jorqdu u bil-lejl itiru. Oħroġ ma' nżul ix-xemx ħdejn wied u taf tara l-**vespertini** ħerġin minn xi xaqq fil-blat, iduru fuq il-wied qabel ma jmorru jikkaċċjaw x'imkien ieħor.




Is-**salvja tal-madonna** tagħmel riħa tfuħ fir-rebbiegħa meta tiftaħ bukketti ta' fjura sofor. Il-weraq tagħha jingħaraf għax sufi u jagħti fil-griż.



Desirée Falzon

Minħabba li żgħira u kapaċi titgħawweġ, il-**ballottra** faċli tfittex il-priża tagħha qalb il-ġebel u x-xquq tal-blat. Taqbad ġrieden u annimali żgħar oħra.



Suzanne Maas

Desirée Falzon

Ambjenti u Residenti

# Widien Nixfin

Desirée Falzon



Victor Falzon

Fis-sajf ma tistax ma tismax it-tisfira taċ-**ċikada**. Tal-għaġeb kif annimal daqshekk żgħir jagħmel ħoss daqshekk qawwi. Dal-ħoss jagħmlu r-raġel biex isib mara.

Il-ħoss jagħmlu billi jivvibra parti minn żaqqu.

Ħeq-ħemm: *Monticola solitarius*



L-isem xjentifiku tal-**merill** ifisser 'jgħix waħdu fil-muntanji'. Jekk tisma' l-għanja tiegħu tidwi mal-wied, fittex mad-dawra ta' xifer il-wied u hemm ċans tarah.

Aron Tanti



Kważi ma tgħaddix minn ħdejn wied fir-rebbiegħa li ma tismax l-għajta qawwija tal-**bufula tal-għollieq**. Din tbejjet f'arbuxxelli folti biex il-predaturi ma jsibuhiex.

Aron Tanti

Ħafna mill-widien tal-gżejjer tagħna ssawru eluf ta' snin ilu, fi żmien meta kienet tagħmel ħafna xita. Xmajjar sħaħ kienu jgħaddu b'ħeffa minn bejn il-blat, u ftit ftit ħaffru l-blat sakemm iffurmaw il-widien. Minħabba li llum il-klima hija niexfa, il-biċċa l-kbira tal-widien tagħna ma jkunx fihom ilma. Imma minħabba d-dell tal-ġnub tal-wied, il-qiegħ ikun delli għal ħafna mill-ħin u joħloq ħabitat għall-pjanti li jikbru folti u fid-dell. Mill-banda l-oħra, mal-ġnub tal-wied magħmulin minn blat mikxuf insibu pjanti li jifilħu għan-nixfa. Il-pjanti tal-widien jiġbdu lejhom annimali differenti għall-kenn kif ukoll għall-ikel. Fir-ritratt jidher **Wied Inċita** ħdejn Ħ'Attard, li huwa tipiku tal-widien nixfin.

Victor Falzon



Il-**lifgħa** hija serp żgħir b'disinn sabiħ magħmul minn dbabar ħomor skuri. Tgħix qalb il-blat u l-ħaxix u tiekol annimal żgħar bħal ġrieden.

U mhix velenuża!

U m'għandhiex x'taqsam ma' San Pawl!

# Rokna Kwiżż

Aħna l-bnedmin b'xortina ħafna li naraw bil-kulur. B'xortina għax il-biċċa l-kbira tal-mammiferi tad-dinja ftit li xejn jaraw kuluri. Dal-kwiżż ħafif għandu x'jaqsam mal-kuluri. Qis li ġġib kollox tajjeb!



Tweġibiet isfel.

## 1 Għaliex frott mhux misjur ikun aħdar?



Victor Falzon

- A. Biex ma jidhirx qalb il-weraq u l-annimali ma jikluhx qabel ma jsir.
- B. Għax il-frott jibda ħajtu bħala werqa u ftit ftit jinbidel fi frott.
- Ċ. Għax ikollu l-qoxra rqiqa u jkun jidher il-meraq.

## 2 Għaliex il-fjuri huma kuluriti?



Victor Falzon

- A. Biex jaħsdu lill-annimali u ma jikluhomx.
- B. Għax ikun reħa fuqhom il-kulur tal-friefet li jżuruhom.
- Ċ. Biex jispikkaw ħalli jiġbdu lejhom l-insetti.

## 3 Għaliex il-kamaleonti ma jsirx aħmar?



Desirée Falzon

- A. Għax inkella ma jkunx jidher meta jkun fuq fjuri ħomor.
- B. Għax jekk jipprova jsir aħmar imut.
- Ċ. Għax m'għandux lewn aħmar fil-ġilda.

## 4 Għaliex l-għasafar żgħar ma jkollhomx il-kuluri tal-kbar?



Aron Tanti

- A. Biex il-ġenituri ma jkollhomx preferenzi għall-isbaħ wieħed.
- B. Biex ma jarawhomx il-predaturi fil-bejta.
- Ċ. Għax ikunu għadhom ma bdewx jieklu l-ikel tal-kbar.

## 5 Għaliex il-weraq huwa aħdar?



Aron Tanti

- A. Għax l-aħdar iserraħ għajnejn l-annimali.
- B. Għax il-kimika li tagħmel l-ikel għall-pjanta hija ħadra.
- Ċ. Għax l-aħdar iħajjar lill-annimali biex jieklu l-weraq.

## Fejn hu t-tassu?



Qalb dil-folla żebri hemm tassu (*badger*) moħbi. Ara ssibux!



tassu

## Fejn hu dellu?




Victor Falzon

Dan il-ġurat ta' rasu twila tilef dellu! Għinu jsib id-dell it-tajjeb.

Kwiżż: 1A, 2Ċ, 3Ċ, 4B, 5B
Dellu B

# Jgħumu magħna

Dan huwa ftit mill-ħut komuni li jgħix madwar xtutna. Id-dar ta' dan il-ħut hija l-post fejn aħna ninżlu ngħumu fis-sajf. Ara tagħrfux x'jisimhom bl-għajnuna tas-sentenzi li hemm isfel.

Jekk għandkom maskla tal-baħar u pajp, ħuduha magħkom meta tmorru tgħumu. Ittawlu taħt wiċċ l-ilma forsi tilmħu uħud minnhom.


Victor Falzon


Victor Falzon


Desirée Falzon


Victor Falzon


Mark-Anthony Falzon


Desirée Falzon

Ftakru dejjem biex ma nħammġux il-baħar, li huwa d-dar ta' dawn l-annimali sbieħ.


Desirée Falzon

- Il-**burqax** għandu dabra kaħla fuq żaqqu.
- Il-**kaħlija** għandha tikka sewda ħdejn denbha.
- L-**għarusa** għandha żigużajg oranġjo ma' qaddha.
- Iċ-**ċawla** tkun kollha kannella skur.
- Ix-**xirgien** għandu lewn fiddien u żewġ faxxi suwed.
- It-**trilja tal-faxxi** għandha l-mustaċċi.
- Il-**lhudi** jkollu ħafna lwien.



# Sajd Eċċessiv

Sean Bonello

Meta nsemmu *overfishing* qed nirreferi għas-sajd eċċessiv li fih jinqabad ħut iktar milli l-popolazzjoni tagħhom tkun tiflaħ. Fi kliem ieħor meta jinqatel iktar ħut milli jfaqqas b'suċċess.

## X'impatti negattivi għandu l-*overfishing*?

Fost l-effetti negattivi tal-*overfishing* hemm:



**Qerda tal-ekosistemi naturali.** Skont studjużi, sajd li mhux sostenibbli huwa wieħed mill-ikbar kaġuni ta' ħsara għall-ekosistemi tal-oċeani. Dan għaliex is-sajd ifixkel il-ktajjen tal-ikel (*foodchains*) tal-baħar u ladarba dawn jitħawdu, ħa taffetwa ħażin il-ħajja tal-baħar.




Eżempju ta' nisġa tal-ikel.



**Titfaqqar il-bijodiversità.** Il-baħar għandu bijodiversità vasta, b'ammont kbir ta' speċi ta' ħut u annimali oħrajn, kif ukoll flora varjata speċjalment algi. Sajd persistenti fuq speċi partikolari jissogra l-estinzjoni ta' dik l-ispeċi, bħalma qed jiġri bħalissa bit-tonn (*bluefin tuna*). Huwa għalhekk li s-sajd għalihom għandu jitnaqqas u jiġi kkontrollat.



**Tniġġis.** Is-sajd jinkludi l-użu ta' dgħajjes ta' daqsijiet differenti, minn frejgatini żgħar sa vapuri enormi. Waqt li jintużaw, dawn jarmu fil-baħar kimiċi perikolużi u żjut ta' kull tip kif ukoll materjal solidu. Dawn qegħdin iniġġsu l-ambjent naturali ta' ħafna speċi marittimi. Ma rridux naqgħu fin-nasba li nemmnu li minħabba l-kobor tal-oċean l-impatt hu żgħir: ftakru li hemm ħafna iktar minn dgħajsa waħda fl-oċean!

Jintilef ukoll ħafna materjal bħal xlief, snanar, ċimi, xbiek, eċċ. li huwa perikoluż għall-ħajja tal-baħar.

## X'irid isir biex jonqos l-*overfishing*?

L-iktar mod effettiv li nikkontrollaw is-sajd eċċessiv huwa li jsiru liġijiet li jipproteġu l-ħut u l-baħar fejn jgħixu. Dan isir billi

- jiġu protetti rqajja' ta' baħar speċjalment fejn ibejjet il-ħut
- jitwaqqfu staġuni li fihom ma jsirx sajd
- isiru kontrolli (kwoti) fuq kemm jista' jinqabad ħut
- jitwaqqaf għal kollox il-qbid ta' ħut rari
- isir kontroll strett fuq it-tip u t-tul ta' xbiek li jintuża għas-sajd biex pereżempju ma jinqabadx ħut li jkun għadu żgħir, jew annimali bħal fkieren, dniefel u tajr tal-baħar
- jinqata' l-użu ta' apparat li jagħmel ħerba minn qiegħ il-baħar

Naturalment, mal-liġijiet irid isir l-infurzar neċessarju. Apparti liġijiet, trid tibqa' ssir pressjoni konsistenti fuq kumpaniji tas-sajd sabiex l-ambjent jiġi dejjem rispettat u jingħata prijorità.

Aħna wkoll nistgħu nagħmlu l-parti tagħna billi

- nqajmu kuxjenza ma' kulħadd
- ningħaqdu ma' għaqdiet ambjentali.

**Jekk hemm xi suġġett ambjentali li tixtiquna niktbu dwaru f'din il-paġna, ibagħtulna imejl fuq il-huttafa@birdlifemalta.org**

X'jgħidulhom f'kelma waħda dawn il-ħlejjaq żgħar tal-baħar?

p□□□□□□n

Tweġiba paġna 10.


Victor Falzon

# il-Pipistrell

Desirée Falzon

Il-friefet il-lejl m'għandhomx x'jaqsmu mal-friefet ta' binhar. Il-friefet ta' binhar huma insetti filwaqt li l-friefet il-lejl huma mammiferi bħalna. Ngħidulhom friefet għax itiru ftit qishom friefet. Fost id-diversi speċi ta' friefet il-lejl li għandna Malta, il-pipistrelli huma l-iżgħar.

Kemm għandna speċi ta' friefet il-lejl f'Malta? Ara isfel.



Il-friefet il-lejl jorqdu binhar u joħorġu bil-lejl. B'hekk jistgħu jikkaċċjaw l-insetti li joħorġu bil-lejl bi ftit jew xejn kompetizzjoni minn predaturi oħrajn.

Binhar il-pipistrelli jorqdu fi xquq bejn il-ġebel tad-djar, knejjes u bini ieħor, anke ġo ventilaturi, fejn joqogħdu kobba, mhux rashom 'l isfel.




Tpinġijiet Victor Falzon

Il-pipistrelli jieklu insetti bħal nemus u baħrijiet żgħar li jkunu qed itiru madwar lampi tat-triq u qalb ir-raba'. F'lejl pipistrell wieħed kapaċi jaqbad 2000 nemusa!

Bl-Ingliż jgħidu *blind as a bat* imma dan mhux veru. Għalkemm iktar jużaw is-smigħ milli l-vista biex isibu triqthom fid-dlam, il-friefet il-lejl mhumiex għomja.

Minħabba li joħroġ bil-lejl, għajnejn il-pipistrell huma żgħar u ma tantx jara minnhom. Minflok, għandu widnejn kbar u jisma' ħafna u b'hekk jista' "jara" x'hemm madwaru. Kif?



Waqt li jtir jagħmel sensiela ta' ħsejjes irqaq. Meta dal-ħoss jaħbat ma' insett quddiemu u jerġa' lura lejh, il-pipistrell jinduna eżatt fejn qiegħed l-insett. Dan it-trikk jgħidulu *echolocation*.

Grazzi lill-ħabib tagħna John J. Borg għal xi tagħrif.

## Problemi!

- Il-bexx joqtlilhom l-ikel jew jivvelenahom.
- Vandali jfixkluhom jew joqtluhom fl-għerien.
- Tħaffir u traffiku jriegħed u jwaqqa' l-għerien.

## Kif nista' ngħin lill-pipistrell?

Għallem lil ħaddieħor li l-pipistrelli la jagħmlu ħsara, la huma tal-biża' u lanqas jixorbulna demmna, anzi jagħtuna servizz għax jeħilsuna minn ħafna nemus. Jekk inti fi skola primarja, la tmur lura l-iskola ħajjar lill-klassi biex tagħmlu l-Attività Dinja Waħda jisimha *Going Batty*.

**Kemm għandna speċi ta' friefet il-lejl f'Malta?** Aħdem dis-somma u tkun taf. **20 + 4 x 2 ÷ 4 =** ☐



Aron Tanti

Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# Il-Baħar ta' madwar id-Dwejra

Ninsabu fl-eqqel tas-sajf u jekk tħobbu l-baħar żgur li qed tieħdu gost b'dan l-istaġun. Biex nibqgħu fuq tema sajfija, f'din il-ħarġa se nitkellmu fuq sit Natura 2000 li jinsab fil-baħar.

## Varjetà ta' ħabitati

Forsi meta nħarsu lejn il-baħar ma naħsbux mill-ewwel fil-flora u fawna għax din tkun moħbija taħt il-wiċċ. Imma dan ma jnaqqas xejn mill-importanza tal-baħar għall-ħarsien tal-ambjent, u huwa għalhekk li nsibu dawn is-siti Natura 2000 anke fl-ilma. Wieħed minn dawn is-siti huwa l-baħar tad-Dwejra, fil-punent ta' Għawdex.

Il-baħar tad-Dwejra huwa magħruf għax jipprovdi varjetà kbira ta' ambjenti differenti, inkluż irdum, għerien, ħnejjiet, laguni, sikek u xkafef (*platforms*). Bħalma nsibu muntanji u pjanuri fuq l-art, hekk ukoll insibu [1]topografija varjata ħafna taħt il-baħar.

**Fejn hu?**

Id-Dwejra qiegħda fil-Punent ta' Għawdex




Victor Falzon

## Skont l-ambjent, il-ħajja

Kif diġà rajna f'ħarġiet oħrajn, meta jkollok ambjenti differenti spiss ikollok varjetà ikbar ta' speċi. Pereżempju, f'inħawi tal-baħar fejn tolqot iktar ix-xemx insibu speċi li jfittxu d-dawl. F'postijiet iktar dellija nsibu speċi li m'għandhomx bżonn ix-xemx daqstant.

Fost in-natura li nsibu fid-Dwejra nsemmu l-**alka** (jew **posidonja**), pjanta [2]endemika għall-Baħar Mediterran. Din



Desirée Falzon

Peress li l-**alka** *Posidonia oceanica* tikber f'ilma baxx ma tantx hi mifruxa madwar id-Dwejra għax ħafna mill-baħar hemmhekk huwa fond. Però hemm roqgħa mdaqqsa fil-Bajja tad-Dwejra (ara mappa xellug) li ma tantx hi fonda.

Tweġiba paġna 8: **plankton**




hija tip ta' *sea grass* importanti ħafna – fil-fatt hija mħarsa bil-liġi – għax tipprovdi kenn u ambjent għal ħafna speċi ta' fawna, inkluż ħut li nistadu għalih għall-ikel. Barra min hekk il-posidonja tgħin biex tipproteġi x-xatt mill-effett tal-mewġ. Madankollu din il-pjanta tikber bil-mod ħafna u hija fraġli. Għalhekk faċli ssirilha l-ħsara, pereżempju meta jankraw id-dgħajjes fuqha, jew bit-tniġġis tal-baħar. Huwa għalhekk li l-protezzjoni ta' siti Natura 2000 hija importanti, biex inkun nistgħu nirregolaw aħjar dak li jsir f'dawn l-inħawi. B'hekk niżguraw li kemm jista' jkun ma ssirx ħsara.

Insibu ħafna speċi oħra ta' fawna fid-Dwejra – inkluż **sponoż**, **rizzi**, **qroll**, **granċijiet**, **artikli**, **awwisti** u diversi speċi ta' ħut, fosthom iċ-**ċerna**, il-**lizz** u l-**pixxi San Pietru**. Insibu wkoll in-**nakkra tal-ħarir**, li bħall-posidonja hija endemika għall-Mediterran; din kapaċi tikber sa 80ċm.

Id-Dwejra hija popolari ħafna kemm mal-Maltin kif ukoll mat-turisti. Ħafna għaddasa jżuru dan il-baħar, li huwa magħruf għall-ġmiel naturali li joffri; ħafna jqisu l-baħar tad-Dwejra wieħed mill-aħjar siti fil-Mediterran għall-għaddasa.



Ir-**rizza tax-xewk twil** *Centrostephanus longispinus* tgħix fil-fond.




Kif rajna f'siti oħrajn, jibqa' dejjem importanti li nippruvaw inżomm bilanċ, bejn li ngawdu dawn il-postijiet, u li nibżgħu għalihom għall-futur.

---

[1]**topografija**. Il-forom tal-art li naraw madwarna, bħal għoljiet, widien, bajjiet, irdum u pjanuri.
[2]**endemiku**. Annimal jew pjanta li tinsab f'pajjiż jew reġjun wieħed u mkien iktar fid-dinja.



Minkejja l-forma stramba, l-**isponoż** (bħal din l-ispeċi mill-ġeneru *Phorbas*) huma fil-fatt annimali.



Ferħa ta' **ċerna** (dusky grouper). Minħabba s-sajd bil-ħarpun dil-ħuta naqset sew mill-baħar ta' madwarna.



Għalkemm qishom ħaxix, l-artikli wkoll huma annimali, kuġini tal-bram fil-fatt. Din hija **artikla ħadra** (snakelocks anemone).

Ritratti Desirée Falzon



Desirée Falzon

# Dell ikrah fuq Wied Inċita



**Wied Inċita** huwa wied żgħir fil-qalba ta' Malta. Parti minnu għadha xi ftit jew wisq sabiħa b'natura interessanti. F'parti oħra hemm barriera li ftit ftit qiegħda tgerrem il-ġnub tal-wied. Meta xi darba l-barriera tieqaf taħdem, jista' jsir proġett biex l-art titranġa u tingħata lura lin-natura. Imma smajna li xi ħadd flok jagħmel hekk irid jibdilha f'żona industrijali. Bħallikieku m'għandniex biżżejjed bini. Tgħid min ħa jirbaħ, in-natura u l-publiku? Jew l-iżviluppatur?